Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1057/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Martin Galea ta' 19-il sena iben costantino Galea u Romina Galea nee Buttigieg, imwieled Pieta fil-15 t'Ottubru 1994, residenti f'indirizz 171, Robert, Triq Steifnu Zerafa, Marsa u detentur tal-karta ta l-identita bin-numru 527694M

Kontra
Ommissis
Kontra
Ommissis
U kontra
Ommissis
Talli;

Bejn il-lejl tal 21 t' Ottubru 2013 u 22 t' Ottubru minn gewwa l-Marsa, ikkommettew serq ta' zewg televisions

liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix €2329,37, sar ghad-detriment ta' Kunsill Malti ghall-Isport u /jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe it-televisions imsemmija, misruqa, ,mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f;Malta jew barra minn Malta, jew , volontarjament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Lil Martin Galea wahdu;

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi irrenda ruhu komplici f'serq ta' zewg 'televisions', billi xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew b'xi mod sahhet il-volonta sabiex isehh id-delitt u dan sarghad-dannu tal-Kunsill Malti Ghall-Isport u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 334 u 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq Ammissjoni din il-Qorti qed issib lil imputati hati u ghal daqstant qeghda tordna li jitqieghdu taht Ordni ta' probation ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin, ai terminital-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------